MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 641/2011

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Josephine Micallef (Id. 277671M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u erba u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,624.62) minghand il-konvenuta, in konnessjoni ma diversi servizzi. U peress li l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghax inkluz dawk tal-ittra ufficjali 573/11 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta’ elf, sitt mija u erba u ghoxrin ewro u tnejn u sittin centezmu (€1,624.62), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------